## DUHHAN

*Duħħan kullimkien, fil-għaxija*
*Mill-fran ta' ħdejna, miċ-ċumnija għolja*
*Ta' Farsons imbiegħda. Huġġieġa*
*Tat-tfal fil-wied f'lejlet San Ġwann.*
*Ta' murtal tal-festa 'l bgħid.*
*Duħħan ta' xi karrozza miexja 'l hemm,*
*Mid-demel jinħaraq f'xi għalqa.*
*Kollox duħħan u aħna ngħixu fih*
*u fih nimirħu . . .*
*Duħħan itir fis-sħab, ħajjitna bekk,*
*Hsibijiet bla sisien u bla saħħa . . .*
*Kollox duħħan . . .*
*Araħom id-dħaħen, xi ġmiel u xi kburija*
*Meta jsewdulek sema. Imbagħad ir-riħ*
*Isuqhom miegħu, b'hekk kburithom taqa' . . .*
*Ġmielhom jintemm . . .*
*Aħna d-duħħan, il-mewt ir-riħ li jsuqna*
*Lejn qabar żgħir, bla jweġġgħab xejn kburitna.*

Ġ. Bonnici.

## X'JARAW

*Jaraw il-Fidi tmil taħt l-Ambizzjoni,*
*l-Imħabba tinża' l-bjuda safja tagħha,*
*Jaraw ir-rebħa sfiqa tal-Materja*
*U l-karba kiesħa u kerha li ġġib magħha.*

*Jaraw l-imgħallma jsajju għall-Imgħallem,*
*Jaraw id-dħul fl-ibliet u t-tluq mir-raħal,*
*Il-ġiri bla waqfien, il-ħolm qarrieqi,*
*Il-wegħda mġawhra illi qatt ma tasal:*

*Meta jitfgħu kultant xi ħarsa 'lisfel*
*Dan li l-allat jaraw mill-għoljiet ħodra,*
*U jidħku id-daħka ta' min għandu kollox*
*U xejn ma tagħmel bih nuqqas il-kotra.*

Victor Fenech